MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 27/2009/1

**Emanuel Schembri**

**vs**

**Salvatore Attard**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fl-4 ta' Ottubru 2010 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Bord;*

*Ra r-rikors promutur ta' Maria Schembri ID 353917M, Janet Schembri ID 718639, Victoria Schembri ID 720541M, Carmen Brincat ID 348865M, Margaret Muscat ID 523949M, Emanuel Schembri ID 655650M, Therese Schembri ID 1024547M, Hannah Debono ID 195880M u Laura Schembri ID 223684M;*

*Jesponu bir-rispett u Emanuel Schembri ID 655650M bil-gurament jikkonferma;*

*Illi in forza ta' sentenza ta' dan il-Bord diversament presedut fl-ismijiet Emanuel Schembri vs Salvatore Attard (Rikors numru 388/85 datata 24 t'Ottubru 1985, kopja annessa u mmarkata Dok ES), dan il-Bord kien ordna l-izgumbrament tal-intimat Salvatore Attard fil-fond konsistenti f'razzett u gnien li jinsab fi Sqaq il-Kanun (illum Triq Antonio Miruzzi), Santa Venera;*

*Illi r-rikorrent f'dik il-kawza Emanuel Schembri miet fit-28 Settembru 1986;*

*Illi jigi rilevat li r-rikorrenti Maria Schembri tigi mart id-defunt Emanuel Schembri, filwaqt li r-rikorrenti Janet Schembri, Victoria Schembri, Carmen Brincat, Margaret Muscat, Emanuel Schembri u rikorrenti l-ohra Hannah Debono u Laura Schembri huma wlied rispettivament tad-defunt Joseph Schembri, li kien ukoll iben id-defunt Emanuel*
*Schembri u l-imsemmija Maria Schembri;*

*Qed jigu annessi wkoll is-segwenti dokumenti - Dokument A li hu c-certifikat tal-mewt ta' Emanuel Schembri, Dokumenti B u C konsistenti f'certifikati tat-testmenti pubblici u sigriet li jindikaw li d-defunt Emanuel Schembri miet bla testament, Dokument D, E, F u G li huma konsistenti fic-certifikat tal-mewt ta' Joseph Schembri , fir-ricerki testamentarji tieghu u t-testment tieghu datat 21 ta' Jannar 1983 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza rispettivament;*

*Illi r-rikorrenti ghandhom interess li jesegwixxu s-sentenza fuq citata u jizgumbraw lill-intimat Salvatore Attard mill-fond fuq imsemmi billi dan ghadu sal-lum qed jokkupa b'mod abbusiv l-istess fond, minkejja s-sentenza li nghatat kontrih ghall-izgumbrament tieghu;*

*Illi ghaldaqstant billi ghadda aktar miz-zmien prefiss fl-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn meta s-*

*sentenza fuq imsemmija setghet tigi esegwita, qed jigi intavolat ir-rikors odjern ai termini tal-artikolu 259 tal-Kap 12, sabiex tkun tista' ssir l-ezekuzzjoni ta' din is-sentenza;*

*Ghaldaqsant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom sabiex ikun jista` jesegwixxi s-sentenza ta' dan il-Bord tal-24 t'Ottubru 1985 fl-ismijiet Emanuel Schembri vs Salvatore Attard (rikors numru 388/85), u dan taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan il-Bord;*

*Ra r-risposta tal-intimat li tghid:*

*Illi preliminarjament ghandu jigi ccarat*

*Jekk in-nisa msemmija fir-rikors (apparti l-ahhar tnejn) u li kounjomhom mhuwiex Schembri hadux il-kunjom ta' zewghom, u dan japplika ghal Carmen Brincat u Margaret Muscat;*

*L-istess jinghad ghal Hannah Debono filwaqt li Laura Schembri ma tirrizultaw illi hija bint Joseph Schembri mit-testment ta' Joseph Schembri (Dok G);*

*L-okkju tar-rikors odjern ma jistax jibqa' l-istess bhal dak li kien fir-rikors numru 388/85, l-ewwelnett ghaliex l-attur imsemmi fir-rikors tal-1985 miet u l-Qorti (jekk tiddeciedi r-rikors odjern f'isem l-attur) tkun qed tikkontempla li jsir mandat ta' zgumbrament f'isem persuna mejta. Ir-rikors irid isem il-werrieta ta' Emmanuel Schembri, u mhux f'isem persuna mejta, u fil-Korp tar-rikors tigi kkwotata s-sentenza moghtija fir-rikors numru 388/85;*

*Illi fil-mertu r-rikors huwa frivolu u vessatorju ghaliex, dan il-punt diga gie deciz fil-Qorti diversament preseduta fir-rikors numru 8/02 fl-ismijiet: Emanuel Schembri vs Salvatore Attard (kopja tal-mandat u tas-sentenza hawn esebiti Dok SA u SA 1)*

*Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra taghhom;*

*Ra l-atti tar-rikors;*

*Ikkunsidra:*

*Illi r-rikorrenti intavolaw dan ir-rikors wara illi s-sentenza in mertu ma kenitx ezegwita la minn Emanuel Schembri u wisq anqas mill-eredi tieghu wara li ghadda ghall-hajja ohra. Ir-rikorrenti ghalhekk qeghdin jivvantaw id-dritt taghhom qua eredi ta' Emanuel Schembri stante li l-intimat ghadu jokkupa l-fond li kontra tieghu kienet inharget ordni ta'zgumbrament .*

*Illi r-rikorrenti spjegaw fid-dettall l-interess guridiku taghhom f' dan ir-rikors u dan kien korroborat bid-debiti dokumenti ghas-sodisfazzjoni ta' dan il-Bord;*

*Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-intimat ma jistghux ikunu milqugha;*

*Illi jikkonkorru l-elementi kollha ravvizati fl-artikoli 258 u 259 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jkunu akkolti;*

. .... • . ,.. , . - *• : .
^^ ^

*Ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talba u fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.*

Rat ir-rikors tal-Appell ta' Salvatore Attard datat 22 ta' Ottubru 2010 fejn talab lill-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-4 ta' Ottubru u tiddikjara illi s-sentenza hija nulla u bla effett fil-ligi.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Frar 2011.

Rat ir-risposta ta' Maria Schembri et ghar-rikors tal-Appell ta' Salvatore Attard, datata 15 ta' Novembru 2010 fejn qalet illi d-decizjoni appellata ghandha tigi konfermata.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Frar 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Robert Abela ghall-

appellati, uhud minnhom prezenti u Dr. Edward Debono ghall-appellanti prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell giet differit ghas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija procedura skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 258 u 259 tal-Kap 12,** fejn ir-rikorrenti odjerni bhala eredi ta' Emmanuel Schembri qed jitolbu li s-sentenza fl-ismijiet "Emauel Schembri vs Salvatore Attard" tal-Bord li Jirregola l-Kera moghtija fl-24 t'Ottubru 1985 tigi resa esegwibbli peress li ghaddew iktar minn hames snin.

Illi l-**artikolu 258 tal-Kap 12** jipprovdi li:-

*"Wara*

*(a) l-gheluq ta ghaxar snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi f'paragrafu (a) (c) u (d) ta' l-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' gie esegwit; jew*

*(b) l-ghelyuq ta' hames snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi t-titolu ezekuttiv imsemmi f'paragrafu (a) (c) u (d) ta' l-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri, jew tat-Tribunal tat-Talbiet Zghar seta' jigi esegwit;*

*(c) l-gheluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi f'paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigwqrd il-proceduri mehudin skond l-artikolu 166A seta' gie esegwit,*

*l-ezekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrenti ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li*

*jkun qed ifittex l-ezekuzzjoni taghha, u d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".*

Illi skond id-decizjoni fl-ismijiet **"HSBC Bank Malta plc vs John Dalli et"** (P.A (RCP) – 18 ta' April 2002) inghad li minn dan l-artikolu jidher li l-unika ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhha dwar l-ezistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan *tramite* l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti.

Illi l-istess inghad fid-decizjonijiet **"John Lowell et nomine vs. Elvira Maurgaurite Dean et"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Ottubru 2007) u **"George Pace vs Charles Gauci"** (P.A. (PS) – 24 ta' Novembru 2004) fis-sens li dak li kellha taghmel il-Qorti fi procedura bhal din hija li tara li (i) ghaddew iktar minn hames snin, (ii) li l-legittimu kontradittur f'din il-kawza baqa' l-konvenut fil-kawza l-ohra; (iii) li saret id-debita notifika; (iv) li jigi kkonfermat bil-gurament li l-ammont kien ghadu dovut jew li l-mertu ma giex b'xi mod ezawriet.

Illi jidher l-appellatta ghamlu uzaw din il-procedura peress li r-rikorrenti odjerni huma l-eredi tal-mejjet Emamuel Schembri, li kien ir-rikorrenti fil-kawza fl-ismijiet premessi deciza fl-24 ta' Ottubru 1985, u dan kif jidher mic-certifikat tal-mewt ta' l-istess (Dok. "A") u mill-atti kollha esebiti mal-istess rikors nkluzi ricerki testamentarji li jindikaw li l-istess Emanuel Schembri miet intestat, u l-eredi tieghu huma wliedu Janet Schembri, Victoria Schembri, Carmen Brincat u Margaret Muscat u Emanuel Schembri, u Hannah Debono u Laura Schembri ulied il-mejjet Joseph Schembri (Dok. "D" + 7 ta' Dicembru 2007) u jirrizulta li dan ir-rikors sar mir-rikorrenti ghaliex ihossu li d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 259 (4) tal-Kap 12** japplika ghal kaz taghhom u dan meta l-istess jipprovdi li:-

*"Eredi, successuri jew cessjonarji tal-kredituri jistghu jaghmlu rikors li jigi notifikat lid-debitur, lill-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu, fejn jitolbu lill-qorti sabiex jigi esegwit kull titolu esekuttiv f'isem il-kreditur*

*ukoll jekk ma jkunx skada z-zmien imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan. Dan ir-rikors ghandu jintlaqa' mill-Qorti jekk din tkun sodisfatta illi:*

*(a) ir-rikorrenti huma l-unici eredi, successuri, jew cessjonarji tal-kreditur;*

*(b) it-titolu ezekuttiv ghadu jiswa dwar dak li qed jintalab;*

*(c) il-persuni li tkun qed tintalab l-ezekuzzjoni kontrihom ikunu d-debitur, jew l-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu".*

Illi fid-deecizjoni **"Joseph Muscat vs Georgina Saydon et"** (P.A. (DS) – 30 ta' Mejju 2002) inghad *"li ligi stess qed tipprovdi l-procedura li tista' tigi adottata sabiex tkun tista' ssir l-ezekuzzjoni ta' kreditu anke wara l-mewt tal-kreditur stess".*

Illi ma dan jizdied dak li nghad mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni fl-ismijiet **"Av. Dottor Albert Ganado vs Av. Dottor Carmelo Mifsud Bonnici nomine"** (A.K. – 4 ta' Mejju 1984) li kull ma trid taghmel il-Qorti f'azzjoni bhal din hija biss li tara li hemm l-ezistenza ta' titolu esekuttiv u l-kreditu ta' l-attur li jirrizulta minn tali titolu esekuttiv u dan peress li din hija azzjoni mhux biex jigi esegwiet it-titolu esekuttiv izda biex jigi awtorizzat mill-Qorti jesegwixxi t-titolu esekuttiv ghaliex f'dan il-kaz ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta' l-istess sentenza.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li s-sentenza li r-rikorrenti odjerni, bhala eredi ta' Emanuel Schembri, qed jitolbu l-awtorizzazzjoni li tigi resa esekutiva l-istess sentenza kontra l-intimat odjern u dan sabiex l-istess intimat jigi zgumbrat mill-fond 8, Triq il-Kanun (illum Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera, kif gie deciz fis-sentenza tal-24 ta' Ottubru 1985 (Dok. "ES").

Illi izda fl-appell odejn l-ewwel aggravju huwa fis-sens li d-disposizzjonijiet tal-**artikoli 258 u 259 tal-Kap. 12** ma tapplikax ghall decizjonijiet tal-Bord li Jirregola l-Kera

(Bord) u dan ghaliex l-istess Bord ma huwiex la Qorti Superjuri, la Qorti Inferjuri u mhux Tribunal ghal Talbiet Zghar identifikat fl-ewwel artikolu hawn imsemmi.

Illi din il-Qorti thoss li tali aggravju huwa ben fondat ghaliex skond l-**artikolu 3 tal-Kap. 12** l-Qrati Superjuri huma l-Qorti Civili, il-Qorti tal-Appell u l-Qorti Kostituzzjonali, mentri skond l-**artikolu 4 tal-Kap. 12** il-Qrati Inferjuri huma l-Qorti tal-Magistrati (Malta), ghall Gzira ta' Malta; u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna u allura l-Bord ma huwiex inkluz  fl-istess artikoli, ghaliex la huwa Qorti Superjuri u lanqas Qorti Inferjuri. Fejn il-Ligi riedet tinkludi organu gudizzarju iehor li ghalih applika l-istess artikolu dan issemma tant li l-Ligi nkludiet it-Tribunal Ghall Talbiet Zghar, izda l-Bord li Jirregola l-Kera baqa' ma ssemiex u allura d-decizjonijiet tal-Bord ma jistawx jaddoperaw il-procedura ndikata fl-istess artikoli, jekk jaghhdi z-zmien indikat mid-data ta' l-istess decizjoni. Kieku l-Ligi riedet li d-decizjonijiet tal-Bord setghu wkoll jutillizaw din il-procedura, hija kienet tipprovdi ghaliha – *ubi voluit dixit.* Dan ma sarx u ghalhekk dan ifisser li l-procedura odjerna adoperata mir-rikorrenti appellati quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera ma hijiex dik idonea u konsentita mill-ligi u la darba dan huwa punt ta' procedura huwa punt ta' ordni pubbliku u allura jista' jitqajjem mill-Qorti *ex ufficio,* u allura *multo magis* mill-appellant, anke jekk ghall-ewwel darba quddiem l-istess Qorti fi stadju ta' appell, salv li l-Qorti tiehu konsiderazzjoni tal-istess dwar l-ispejjez, jekk ikun il-kaz.

Illi dwar dan din il-Qorti thoss allura li l-argumenti li ingabu mill-appellati f'dan ir-rigward ma humiex qed jigu milqugha peress li inghad fis-sentenza **"Carmen Mallia et vs Mario Spiteri"** (A.I.C. (PS) 9 ta' Novembru 2005 ma japplikax ghall kaz odjern dwar punt ta' provedura li huwa bazilari ghall-procedura odjerna.

Illi fejn l-appellati jikkwotaw l-**artikolu 20 tal-Kap. 69** fejn jinghad li l-Bord ghandhu s-setghat moghtija mill-**Kap. 12** lill Prim Awla u li l-esekuzzjoni tad-decizjonijiet tal-Bord bil-mod kif stability fil-**Kodici ta' Organizzazzjoni u**

**Procedura Civili** tmiss lill-istess Bord, ma jfissirx li tali artikoli japplikaw ghall-decizjonijiet tal-Bord li Jirregola l-Kera, u dan peress li hawn l-artikolu qed jirreferi ghall-mod kif tigi esekwieta s-sentenza permezz tal-atti esekuttivi disponibbli skond il-Kodici, u mhux ghall tali procedura utillizata mir-rikorrenti fil-kaz odjern, li hija procedura qabel ma tibda' ssir l-esekuzzjoni tas-sentenza minhabba d-dekors taz-zmien min meta l-istess kienet giet pronunzjata. Fil-fatt l-iskop tal-**artikolu 258** huwa sabiex it-titolu esekuttiv li jemani mill-organi gudizzjarji hemm specifikatament indikati jew li origina mill-fonti ta' procedura hemm indikata, li skond l-istess disposizzjoni, ikun tilef l-effikacja tieghu, minhabba d-dekors taz-zmien, jerga jigi renovat bil-ministeru tal-Qorti wara rikors u dan huwa verament prinicipju ta' ordni pubbliku (**"Nobbli Mario Galea Testaferrata nomine vs Maria armla ta' John Borg et"** (A.C. – 4 ta' Marzu 1993); **"Bank of Valletta p.l.c. vs Mallia Borg Co. et"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Jannar 2009) izda ovvjament applikabbli biss fit-termini li l-Ligi stess timponi u li ma jistax jigi estiz minn din il-Qorti jew kwalunkwe Qorti.

Illi sa hawn biss din il-Qorti qed taccetta u tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti u l-konsegwenza ta' dan hija biss li **l-artikoli 258 u 259 tal-Kap. 12** ma japplikawx ghal decizjonijiet tal-Bord li Jirregola l-Kera. Dan ma jfissirx li l-konsegwenza ta' dan hija dik indikata mill-appellanti – anzi din il-Qorti ghandha r-riservi serji taghha dwar l-istess, izda dan ma huwiex il-mertu ta' dan l-appell u l-Qorti ser tieqaf hawn dwar l-istess billi tilqghu fil-parametri u ghar-ragunijiet hawn indikati.

Illi dwar l-aggravji l-ohra din il-Qorti ma hemmx bzonn tidhol fihom, izda kieku kellhom jigu kkonsidrati jinghad li minn ezami tal-istess l-ebda wiehed minnhom ma huwa fondat, (kieku dejjem l-imsemmija artikoli kienu applikabbli ghad-decizjonijiet tal-Bord), u dan peress li jirrizulta li ma kienx hemm ksur tal-principju *audi alteram partem* in vista tal-fatt li l-appellant naqas li jidher huwa meta kellhu jidher (seduta 4 ta' Ottubru 2010); u dan apparti l-fatt li kieku applikabbli l-imsemmija artikoli lanqas hemm bzonn li tali rikors jigi appuntat; it-tielet aggravju huwa bla ebda

fundament legali ghaliex ir-rikors gie propost sew kieku l-istess artikoli msemmija kienu japplikaw; u r-raba' aggravju jitratta dwar esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv, li kif inghad mhux il-kaz odjern u kieku applikabbli certament li setghux jidhlu f'dak li l-Qorti kellha tikkonsidra skond id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 258 u 259 tal-Kap. 12** (dejjem kieku l-istess artikoli kienu applikabbli ghall kaz in ezami).

Illi b'hekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh biss u limitatament ghar-ragunijiet hawn decizi.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellati datata 15 ta' Novembru 2010 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Salvatore Attard fir-rikors tieghu datat 22 ta' Ottubru 2010 biss u limitatament fil-kuntest ta' dak hawn deciz, b'dan li tirrevoka u tannulla d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera datata 4 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet "Emanuel Schembri vs Salvatore Attard" (Rikors 27/2009 - fl-atti ta-rikors numru 388/85/AD (deciz 24 ta' Ottubru 1985) u minflok tiddikjara tali decizjoni bhala nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi minhabba r-ragunjiet hawn decizi.**

**Illi stante n-natura tal-kaz l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------